VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,158, 29 ta' Ottubru, 2013
Taqsima B

A.L. 356 tal-2013

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2013 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (*Biphenyls* Poliklorinati u *Terphenyls* Poliklorinati)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (*Biphenyls* Poliklorinati u *Terphenyls* Poliklorinati), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (*Biphenyls* Poliklorinati u *Terphenyls* Poliklorinati), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.52

Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Permess. 6. (1) Kull impriża mdaħħla fid-dekontaminazzjoni u, jew fid-disponiment ta' PCBs, PCBs użati u, jew apparat li jkun fih il-PCBs għandu jkollha permess validu skond ir-Regolamenti dwar l-Iskart: L.S. 504.37

Iżda meta tintuża l-inċinerazzjoni għad-disponiment, għandhom japplikaw ir-Regolamenti dwar l-Inċinerazzjoni tal-Iskart fir-rigward tal-Emissjonijiet Industrijali: L.S. 504.36

Iżda wkoll l-awtorità kompetenti tista' taċċetta metodi oħra ta' disponiment ta' PCBs, PCBs użati u, jew apparat li jkun fih il-PCBs jekk dawn ikunu jiksbu *standards* ta' nuqqas ta' periklu għall-ambjent ekwivalenti u jkunu jwettqu l-kondizzjonijiet tekniċi li huma msemmija bħala l-aħjar teknika disponibbli

(2) L-awtorità kompetenti għandha sew individwalment sew flimkien mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li stallazzjonijiet għad-disponiment, dekontaminazzjoni u ħżin sigur ta' PCBs, PCBs użati u, jew apparat li jkun fih il-PCBs jiġu żviluppati, jekk ikun il-każ u meqjus l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (EC) Nru. 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjaġġi ta' skart u d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4(4) tal-Iskeda 5 tar-Regolamenti dwar l-Iskart.".

L.S. 504.37

Jenumera mill-ġdid ir-regolamenti 16 sa 19 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolamenti 16 sa 19 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid rispettivament bħala r-regolamenti 17 sa 20.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Pjanijiet u linji kontorni għad-dekontaminazzjoni u disponiment.

16. L-awtorità kompetenti għandha tħejji:

(a) pjanti għad-dekontaminazzjoni u, jew disponiment ta' apparat li jkun fuq l-inventarju u l-PCBs li jkun hemm fihom; u

(b) linji kontorni għall-ġbir u l-eventwali disponiment ta' apparat li jkun bla ħsara għall-inventarju skont ir-regolament 4(1), kif imsemmi fir-regolament 12.".

———————